Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' Ġunju 2017**
**(OR. en)**

**9305/17**

**ECOFIN 408**
**UEM 157**
**SOC 388**
**EMPL 302**
**COMPET 405**
**ENV 504**
**EDUC 232**
**RECH 188**
**ENER 227**
**JAI 487**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | ST 9249/17 ECOFIN 379 UEM 128 SOC 357 EMPL 272 COMPET 374 ENV 474 EDUC 202 RECH 158 ENER 198 JAI 449 - COM(2017) 517 final |
| Suġġett: | Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 ta' Malta u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 ta' Malta |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u miftiehem minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2017) 517 final.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'…**

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 ta' Malta**

**u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 ta' Malta**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika,[1] u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9–10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,[2] il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lil Malta bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ('Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro')[3].

(2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, Malta għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro kif riflessa fir-rakkomandazzjoni (2) ta' hawn taħt.

(3) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2017 għal Malta ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ivvaluta l-progress li għamlet Malta fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress li għamlet Malta lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020.

(4) Malta ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tagħha fit-18 ta' April 2017 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tagħha fit-2 ta' Mejju 2017. Biex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

---

2 Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

3 ĠU L 92, 24.3.2017, p. 1.

(5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) li tkopri l-perijodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,[4] fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jeżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika għaqlija.

(6) Bħalissa Malta qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2017, il-Gvern jippjana li jżomm surplus f'termini nominali matul il-perijodu 2017–2020. L-objettiv baġitarju ta' terminu medju — pożizzjoni baġitarja bilanċjata f'termini tal-PDG — ser jibqa' jiġi ssodisfat b'marġni pożittiv tul il-perijodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon ġenerali ta' dejn tal-gvern mal-PDG huwa mistenni li jibqa' taħt il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 60 % tal-PDG u li jibda jonqos gradwalment minn 58,3% tal-PDG fl-2016 għal 47,6% fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawk il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli għall-2017 u kawt għall-2020–2018. Fl-istess ħin, hemm riskji possibbli ta' implimentazzjoni relatati mal-eżekuzzjoni baġitarja.

[4] Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(7) Fit-12 ta' Lulju 2016, għall-2017 il-Kunsill irrakkomanda lil Malta tikseb aġġustament fiskali annwali ta' 0,6 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Data dwar l-eżitu tindika li Malta diġà laħqet l-objettiv baġitarju tagħha ta' terminu medju fl-2016. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2017 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li ser jiżdied minn surplus ta' 0,4 % tal-PDG fl-2017 għal 0,7% tal-PDG fl-2018, u b'hekk jibqa' aktar mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju. B'mod ġenerali, il-Kunsill hu tal-opinjoni li Malta hi projettata li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2017 u fl-2018.

(8) Minkejja l-kisba tal-objettiv fuq medda ta' tliet snin qabel id-data ta' mira, iż-żidiet fl-infiq akbar għat-tkabbir potenzjali fil-produzzjoni. Jekk dan jibqa' l-każ għal żmien twil, dan huwa ta' sfida għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, speċjalment fil-każ ta' xokkijiet mhux mistennija fid-dħul. L-awtoritajiet Maltin wettqu rieżamijiet tan-nefqa f'xi oqsma tan-nefqa pubblika partikolarment rilevanti f'termini ta' sostenibbiltà — il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u t-taħriġ u s-sigurtà soċjali. L-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tar-rakkomandazzjonijiet relatati ser tiddetermina l-effettività tagħhom fil-kisba tal-għan tagħhom. Barra minn hekk, il-finanzi pubbliċi ta' Malta għadhom qed jiffaċċjaw riskji ta' sostenibbiltà fuq medda twila ta' żmien minħabba l-ispejjeż marbuta mal-popolazzjoni li qiegħda tixjieħ, il-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul u l-pensjonijiet. Iż-żieda għolja pproġettata fl-infiq marbut mal-età hija prinċipalment minħabba n-nefqa tal-pensjonijiet, li hija stmata li ser tiżdied b'madwar 3,2 punti perċentwali tal-PDG sal-2060 skont Ir-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2015. Xi wħud mill-miżuri li reċentement ġew introdotti x'aktarx li jiġġeneraw tfaddil. Madankollu, dan l-iffrankar huwa improbabbli li jkun suffiċjenti biex jibbilanċja l-pressjonijiet tal-infiq li dejjem jiżdiedu u jtejjeb b'mod deċiżiv is-sostenibbiltà fuq medda twila ta' żmien. Miżuri oħra jistgħu, għalhekk, ikunu meħtieġa.

(9) Malta ressqet għadd ta' miżuri biex tindirizza l-isfida doppja tas-sostenibbiltà u l-iżgurar ta' introjtu adegwat wara l-irtirar maħluqa mis-sistema tal-pensjoni. Il-miżuri introdotti fil-baġit tal-2017 huma mistennija jbaxxu moderatament ir-riskju ta' faqar għal persuni anzjani u jtejbu xi ftit ir-rata netta tas-sostituzzjoni tal-pensjoni minima garantita. B'mod ġenerali, indikaturi dwar l-adegwatezza tal-pensjonijiet għadhom jindikaw li hemm lok konsiderevoli għal aktar titjib, inkluż dwar it-tnaqqis tad-distakk kbir fil-kopertura bejn is-sessi.

(10) Il-konġestjoni tat-traffiku fit-toroq saret ostaklu għan-negozju, u l-ispejjeż esterni tagħha (ekonomiċi u ambjentali) ġew stmati għal EUR 274 miljun fis-sena u huma mistennija li jiżdiedu. Barra minn hekk, l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mit-traffiku jkomplu jikbru u Malta x'aktarx li tonqos milli tilħaq il-miri tal-emissjonijiet tagħha tal-2020. Malta adottat Strateġija Nazzjonali għat-Trasport ambizzjuża b'orizzont sal-2050 u Pjan Ewlieni għat-Trasport Operattiv sal-2025. Dawn jinkludu sett differenti ta' miżuri biex jiġi razzjonalizzat l-użu ta' karozzi privati, jiġu promossi soluzzjonijiet ta' mobilità alternattivi u jsir użu aktar effiċjenti ta' sistemi ta' trasport multimodali u kollettivi. Filwaqt li dawk il-miżuri huma mistennija li jagħmlu titjib sinifikanti, il-konġestjoni għadha mbassra li tiżdied u l-gassijiet b'effett serra mit-trasport jonqsu ftit biss sal-2030.

(11) Is-sistema finanzjarja hija kkaratterizzata minn għadd sinifikanti ta' istituzzjonijiet barranin attratti mill-ambjent fiskali favorevoli, fost oħrajn. Malta hija l-uniku Stat Membru li juża sistema ta' imputazzjoni sħiħa tat-tassazzjoni tal-kumpaniji u toffri skema ta' kreditu fuq it-taxxa rimborżabbli. Hija għandha netwerk estensiv ta' trattati ta' tassazzjoni doppja, u għandha status ta' residenza tat-taxxa attraenti għall-individwi. Is-superviżjoni tan-negozju orjentat internazzjonalment, madankollu, hija diffiċli. Is-settur finanzjarju jwettaq il-parti l-kbira tal-attivitajiet tiegħu barra minn Malta. F'dan il-kuntest, Malta stiednet lill-FMI u lill-Bank Dinji jwettqu Programm ta' Valutazzjoni tas-Settur Finanzjarju sa tmiem l-2018. Barra minn hekk, Malta hija parti għad-Deċiżjoni tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) ta' Jannar 2017 dwar il-kollaborazzjoni tal-awtoritajiet superviżorji tal-assigurazzjoni. Il-BĊE, fuq il-bażi tal-valutazzjoni tiegħu u tal-abbozz ta' deċiżjoni mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, dan l-aħħar iddeċieda li jirtira l-liċenzja bankarja ta' fornitur żgħir ta' servizzi bankarji fuq l-internet li jiġbor depożiti anke barra minn Malta.

(12) Minkejja l-progress li sar, aktar titjib fl-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja għadu meħtieġ. Għalkemm miżuri ġodda dwar ċans ieħor u l-insolvenza ġew proposti mill-Gvern, proċeduri twal ta' insolvenza u kwittanza jagħmlu ħsara lill-kwalità tal-ambjent tan-negozju f'Malta. Barra minn hekk, il-qafas tal-ħelsien mid-dejn ma jipprovdi l-ebda limitu ta' żmien, u b'hekk m'għandux ċertezza legali. Biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, ġiet ippreżentata u attwalment qed tiġi kkunsidrata mill-parlament nazzjonali emenda għall-Att dwar il-Kumpaniji li tintroduċi bidliet konsiderevoli fil-qafas legali dwar l-insolvenza, bħall-possibbiltà tal-medjazzjoni. L-impatt ta' dawn il-bidliet għad irid jiġi analizzat.

(13) Qed jitfaċċaw skarsezzi fl-impjieg fil-firxa kollha tal-ħiliet u l-aġġustament tal-provvista tal-ħiliet mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol għadu mhux komplut. Parti sostanzjali mill-forza tax-xogħol Maltija għad għandha rati baxxi ta' kwalifiki. Filwaqt li l-kisba tal-edukazzjoni qed tiżdied, ir-rata ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni għadha għolja. Il-kisba ta' ħiliet bażiċi fost iż-żgħażagħ għadha dgħajfa. L-aċċess u l-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja — bl-involviment ta' min iħaddem — qed jitjiebu, inkluż għal dawk b'ħiliet baxxi; iżda, minħabba l-kobor tal-isfida, l-isforzi jridu jiġu sostnuti. Investimenti sinifikanti fis-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ huma mistennija li jagħtu l-frott, speċjalment jekk il-miżuri jinżammu u jittejbu fil-futur. Ir-rati tal-impjiegi qed jitjiebu b'mod stabbli u r-rata tal-qgħad niżlet taħt il-5 %. Madankollu, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol għadha fost l-aktar baxxa fl-Unjoni, b'mod partikolari għal ħaddiema aktar anzjani u nisa bi ftit kwalifiki, li jindika wkoll li fadal riskji tal-esklużjoni soċjali għal dawk li mhumiex mgħammra biex jaġġustaw għal ekonomija li qed tinbidel b'mod mgħaġġel. Għaldaqstant, l-investimenti ta' politika attwali għandhom ikomplu jiġu sostnuti, b'mod partikolari permezz tal-Kunsill għall-Ħiliet Nazzjonali li ġie stabbilit reċentement, u żviluppi oħrajn għandhom jiġu ssorveljati mill-qrib.

(14) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Malta u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Malta fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli f'Malta imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(15) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 u l-opinjoni tiegħu[5] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

[5] Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Malta tieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżamijiet fuq l-infiq attwali għas-settur pubbliku aktar wiesa' u jiġi introdott infiq pubbliku bbażat fuq il-prestazzjoni.

2. Tiġi żgurata s-superviżjoni nazzjonali effettiva mill-istituzzjonijiet finanzjarji tan-negozji orjentati internazzjonalment b'liċenzja f'Malta billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni mas-superviżuri ospitanti fil-pajjiżi fejn joperaw.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*